**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 56/2011 DC**

***Mary Louise Briffa***

***vs***

***Maria Bartolo,***
***Clayton Bartolo, u***
***Id-Direttur tar-Registru Pubbliku***

Illum, 9 ta' Lulju 2024

Il- Qorti,

Rat **ir-rikors ġuramentat ta' Mary Louise Briffa** ippreżentat fl-20 ta' Jannar, 2011 permezz ta' liema ppremettiet is-segwenti:-

1. *Illi għal żmien twil, ir-rikorrenti ġestiet in-negozju ossija ħanut bl-isem ta' 'Lyon's Bar' li jinsab fl-indirizz bin-numri uffiċjali tletin (30) sa tnejn u tletin (32) fit Triq Santa Teresa, Bormla, għan-nom ta' huwha Mario Bartolo (ID: 671061M) li kien il-propjetarju ta' dan in-negozju;*

2. *Illi r-rikorrenti kompliet tiġġestixxi dan in-negozju fl-assenza ta' Mario Bartolo meta l-istess Mario Bartolo marad serjament u ma kienx f'pożizzjoni li jgħinha fil-ġestjoni ta' dan in-negozju;*

3. *Illi r-rikorrenti qatt ma tħallset tax-xogħol tagħha u kull profit li kien jibqa' minn dan in-negozju kien imur għand l-imsemmi Mario Bartolo;*

4. *Illi ta' dan is-servizz, Mario Bartolo kien wiegħed lir-rikorrenti li kien se jħallilha l-ħanut imsemmi permezz ta' testment;*

5. *Illi fil-fatt, l-imsemmi Mario Bartolo, permezz ta' testment datat l-10 ta' Novembru, 2008, fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras, ħalla b'titolu ta' legat in piena propjeta' wara mewtu lil oħtu r-rikorrenti, il-ħanut u l-garage numri tletin (30) u tnejn u tletin (32) fi Triq Santa Teresa, Bormla, fil-waqt li istwixxa u innomina bħala eredi universali, propjetarji u padruni assoluti tal-ġid tiegħu kollu li għandu u li għad jista' jkollu għal wara mewtu lil martu l-intimata Maria Bartolo u liz-żewg uliedu Clayton u Marilyn;*

6. *Illi fis-16 ta' Mejju, 2009 l-imsemmi Mario Bartolo miet wara marda qalila;*

7. *Illi hekk kif inbdew ir-riċerki testamentarji, irriżulta illi l-imsemmi Mario Bartolo kien għamel testment pubbliku datat l-20 ta' Jannar, 2009 quddiem in-Nutar Dottor Carmelo Lia, li bih huwa neħħa l-legat mħolli lir-rikorrenti fit-testment ta' qabel u minflok ħalla b'eredi universali u padruna assoluta tal-assi kollha tiegħu lil-intimata martu Maria Bartolo;*

8. *Illi inoltre, mir-riċerki irriżulta wkoll li nhar il-5 ta' Mejju, 2009, u ċioe' hdax (11) –il ġurnata qabel mewtu, l-imsemmi Mario Bartolo għamel donazzjoni gratuwita u irrevokabbli quddiem in-Nutar Carmelo Lia li permezz tagħha ddona l-korp bini fi Triq Santa Teresa Bormla, konsistenti fil-garage bin-numru tnejn u tletin (32), fil-ħanut bl-isem 'Lyons Bar', numri tletin (30) u wieħed u tletin (31) bil-kċina ta' wara u l-kamra ta' fuqu;*

9. *Illi fl-aħħar xhur u jiem ta' ħajtu, saħħet Mario Bartolo tant iddeterjorat illi ma kienx fi stat illi jieħu ħsieb tiegħu innifsu jew li jaqra u jiffirma xi dokument;*

10. *Illi rikorenti temmen illi ma kienx Mario Bartolo li iffirma kemm it-testment datat l-20 ta' Jannar 2009 u lanqas id-donazzjoni susségwenti datata l-5 ta' Mejju, 2009;*

11. *Illi bla preġudizzju għal dak kollu suespost, anke kieku huwa verament sab meżż jagħmel u jiffirma dan it-testment u d-donazzjoni sussegwenti, hu ma kienx f'kundizzjoni fiżika u mentali li jagħmel dawn l-atti;*

12. *Illi bla preġudizzju għal dak kollu suespost, anke kieku t-testment datat l-20 ta' Jannar, 2009 kien wieħed ġenwin, kif ser jiġi trattat aħjar tul din il-kawża għandu jiġi ppruvat li dan it-testment ma setax sar ħlief bi frodi, qerq, ingann, u/jew theddid;*

13. *Illi r-rikorrenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

U wara li hekk ippremettiet talbet:-

1. *Tiddikjara li t-testment datat l-20 ta' Jannar, 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia huwa falz, mhux awtentiku u / jew sar minn persuna mhux kapaċi tagħmel testment u / jew sar bi frodi, qerq, ingann u /jew theddid u minaċċi u li fi kwalunkwe każ dak li hemm miktub f'dan it-testment ma jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo;*

2. *Tiddikjara li t-testment datat l-20 ta' Jannar, 2009 huwa null u bla effett fil-Liġi;*

3. *Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jaġixxi skond dawk il-provedimenti kollha li dik il-Qorti jidhrilha xierqa u neċessarji li tagħti lilu fiċ-ċirkostanzi sabiex l-atti Reġistru Pubbliku jkunu jirrispekkjaw il-verità tal-fatti kif stabbiliti fil-kawża odjerna*;

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut id-Direttur Tar-Reġistru Pubbliku** ppreżentata fil- 11 ta' Marzu, 2011 permezz ta' liema eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi din ir-risposta ġuramentata qed issir in osservanza mal-verbal data 8 ta' Marzu 2011;*

2. *Illi l-esponenti jissottometti li t-testment tad-defunt Mario Bartolo datat 20 ta' Jannar 2009 u l-att ta' donazzjoni datat 5 ta' Mejju 2009, it-tnejn fl-atti tan-Nutar Dottore Carmelo Lia ġew insinwati b'mod regolari kif hekk rikjest skont id-disposizzjonijiet tal-Kap.56 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *Illi ergo, l-esponent m'għandhux jiġi assoġettat għall-ispejjeż u dan stante li tali azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;*

4. *Illi mill-bqija , l-esponent jirrimetti ruħu għas-savju u ulterjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Maria Bartolo u ta' binha Clayton Bartolo** ippreżentata fid-19 ta' April, 2011 permezz ta' liema eċċepixxew is-segwenti:-

1. *Illi preliminarjament r-rikorrenti għandha ai termini tal-artikolu 156(4) tal-Kap 12 tindika min huma x-xhieda li hija semmiet fit-tielet, fir-raba' u fid-disgha paragrafu tal-lista tax-xhieda tagħha;*

2. *Illi preliminarjament ukoll din il-kawza għandha tipprassjedi* (sic tissoprassjedi) *sakemm tigi deċiza l-kawza nru Kawza nru 57/2011 MCH fl-istess ismijiet u li tinsab appuntata għat-3 ta' Mejju 2011 wkoll stante li l-mertu ta' dik il-kawza huwa sabiex jiġi mpunjata l-kuntratt ta' donazzjoni tal-istess bar li huwa mertu ta' dawn il-proċeduri;*

3. *Illi inoltre u bla preġudizzju għal premess it-talbiet huma nulli fil-konfront tal-konvenut l-ieħor Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 460(1) tal-Kap. 12;*

4. *Illi t-talbiet tal-attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li meta d-decujus Mario Bartolo għamel it- testment in kwistjoni kien ben konxju ta' dak li kien qed jiddisponi fl-istess testament u dana kif ser jirrizulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi fil-mertu u mingħajr għas-suespost, id-defunt Mario Bartolo ma kienx effett minn l-ebda mpediment legali fil-mument illi ġie redatt it-testment in atti tan-Nutar Dott. Carmelo Lia, datat għoxrin (20) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgħa (2009) u kien fil-fatt jipposjedi l-fakultajiet mentali kollha tiegħu b'mod li setgħa japprezza dak li kien qiegħed jaghmel, u dana kif ser jirriżulta ampjament fit-trattazzjoni tal-kawża tant li l-mejjet u l-intimati kienu jafu li l-attriċi kienet tuża l-bar biex tmexxi logħob klandestin u bejgħ ta' oġġetti minn tali bar;*

6. *Illi lanqas ma huwa minnu dak li qed tallega l-attriċi , li meta Mario Bartolo għamel it-testment datat ghoxrin (20) ta' Jannar 2009 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia sar bi frodi, qerq,ingann u/jew theddid u minaċċi u/jew kien għal kollox priv mill-volonta' stante theddid prattikat mill-konvenuti Maria Bartolo*

*u Clayton Bartolo u dan kif ukoll ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

7. *Illi għalhekk l-imsemmi testment huwa validu għal finijiet u effetti kollha tal-liġi;*

8. *Illi in oltre dwar it-tielet talba tal-attriċi, din hija legalment insostenibli billi ma hijiex ibbażata fuq ebda artikolu fil-liġi li jipprovdi dan u hija ġuridikament skoretta u ma tistax tintlaqa' stante illi d-dmirijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huma regolati mil-Kap 56 tal-Liġijiet ta' Malta, u t-tielet talba kif dedotta mir-rikorrenti ma tidħolx fil-funzjonijiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;*

9. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessibili mil-Liġi.*

Rat il-verbal fejn il-Qorti ordnat li din il-kawża tinstema' u timxi mal-kawża Rikors Numru 57/11 peress li l-provi huma konnessi[1].

Rat illi l-Qorti ħatret espert kaligrafu biex jivverifika jekk il-firma ta' Mario Bartolo fuq it-testment u d-donazzjoni[2] taqbilx mal-firma tal-istess Mario Bartolo fl-ewwel testment tiegħu[3].

Rat illi l-Qorti ħatret espert psikjatra biex jirrelata f'rapport wieħed għaż-żewġ kawżi, dwar l-istat mentali ta' Mario Bartolo[4].

Rat illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta data 16 ta' Frar 2017, il-Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attriċi peress li:
- Sabet li l-firma ta' Mario Bartolo ma kinitx falza.
- Sabet li t-talbiet l-o ħra attriċi huma konfliġġenti bejniethom u allura ċaħdithom.

Rat illi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 13 ta' Ottubru 2022 dik il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla tas-16 ta' Frar 2017 in kwantu sabet li l-firma ta' Mario Bartolo fuq it-testment ma kinitx falza, pero' sabet li t-talbiet l-oħra tal-attriċi mhumiex konfliġġenti bejniethom, u reġgħet bagħtet l-atti biex dawk it-talbiet l-oħra jkunu kkunsidrati u deċiżi minn din il-Qorti.

[1] Fol 26.
[2] Id-donazzjoni hija l-mertu tal-kawza rikors numru 57/11.
[3] Fol 31 u fol 38.
[4] Fol 275.

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mill-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[5].

Rat illi l-kawża fl-istess ismijiet, Rikors Ġuramentat numru 57/2011, li hi miexja ma' din il-kawża, ukoll kienet deċiża permezz ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-16 ta' Frar 2017. Dik il-Qorti laqgħet it-talbiet tal-attriċi u annullat il-kuntratt ta' donazzjoni li saret f'Mejju 2009 peress li sabet li l-firma allegatament ta' Mario Bartolo, ma saritx minnu; dik is-sentenza ġiet appellata. La-appell għadu pendenti peress li l-Qorti tal-Appell iddeċidiet li l-ewwel tistenna li tingħata din is-sentenza fil-proċeduri odjerni.

Semgħet il-provi.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[6].

Rat l-atti proċesswali.

Ikkunsidrat

## IT-TALBIET

Illi dan premess dak li jrid ikun deċiż issa huwa:

- jekk Mario Bartolo kellux il-kapacita mentali rikjesta biex jagħmel it-testment ta' Jannar 2009;
- u/jew jekk it-testment ta' Jannar 2009 sarx bi frodi, qerq jew ingann;
- u/jew jekk it-testment ta' Jannar 2009 sarx b'theddid u minaċċi
- u li f'kull każ jekk it-testment ta' Jannar 2009 jirrispekkjax l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo.

Ikkunsidrat

## IL-PROVI

Illi fl-affidavit tagħha, **l-attriċi Mary Louise Briffa**[7] qalet li l-ħanut tax-xorb f'numru 30 Triq Santa Tereża Bormla tiftakru dejjem għand il-ġenituri tagħha. Madwar l-1990 missierha kien qaleb il-permessi fuq

[5] Fol 243.
[6] Għandu jingħad li l-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku preżenta nota ta' sottomissjonijiet kemm qabel l-għoti tas-sentenza tas-16 ta' Frar 2017 kif ukoll qabel din is-sentenza, l-attriċi u l-konvenuti l-oħra preżentaw nota ta' sottomissjonijiet qabel l-ewwel sentenza imma ma preżentawx oħra f'dan l-istadju.
[7] DOK MLB 1 a fol 40

ħuha Mario. Fl-1993 wiret nofs indiviż tiegħu minn ommhom u fl-2005 wiret nofs indiviż l-ieħor minn missierhom u hekk sar tiegħu kompletament. Qalet li minn meta l-ħanut għadda għand ħuha sakemm ħuha miet, hi mexxiet il-ħanut waħidha, nkluż xiri tax-xorb u finanzi. Qalet li fl-2008 bdew il-kumplikazzjonijiet fuq saħħet Mario Bartolo minħabba li kien ibati bil-marda taz-zokkor u beda jitlef il-vista u kien iħossu ħażin spiss. Qalet li meta spiss kien imur il-klinika ta' Bormla kien jgħaddilha l-kartiera tiegħu bil-flus u jwissiha biex ma tagħtihiex lil martu. Qalet li f'Novembru 2008 ħuha mar waħdu jagħmel testment u qal lil oħtu dwaru u x'fih. Mario Bartolo kien offra l-ħanut lil ibnu u lil bintu imma ħadd minnhom ma riedu. Qalet li għalhekk iddeċieda li jħallieh lilha għax martu riedet biss li tbiegħu u hu xtaqu jibqa' fil-familja. Qalet li f'Diċembru 2008 ħuha beda jmur għat-trattament ta' dijaliżi u kienu qalulu li issa se jitlef id-dawl t'għajnejh kumpletament. Qalet li martu infurmatha li riedet titilqu lil Mario f'dan iż-żmien. Qalet li ħuha f'dan iż-żmien kien bed ridden u kien imur l-isptar bl-ambulanza u ma kien jara xejn. Lilhom kien jagħrafhom minn leħinhom. Fiż-żmien li kien l-isptar, Mario ma kienx ikun waħdu għax kienu joqogħdu miegħu martu u l-familja tagħha u jalternaw bejniethom. Qalet li hi kienet tkun il-ħanut u setgħet tmur tarah darba fil-ġimgħa imma ġieli bagħtitlu xi affarijiet ma' xi nies oħra. Qalet li donnu ħuha kien beżgħan minn martu li ssawtu u għalhekk l-attriċi bdiet tissuspetta li martu riditu jagħmel testment ieħor. Qalet li meta hi għamlet riċerki għand nutar irriżultalha li ħuha għamel testment ieħor. Qalet li wara li miet ħuha, hi talbet lin-nutar Carmelo Lia kopja tat-testment ta' ħuha u hu taha kemm it-testment kif ukoll id-donazzjoni, li hi ma kinitx taf biha. Qalet li n-nutar dejjem taha vera kopja mingħajr firem u qatt ma taha d-dokument oriġinali ffirmat. Qalet li hi ċerta li ħuha ma ffirma xejn għax ma kienx f'sensieh u ma kienx jaf kienx ħaj jew mejjet u l-ħin kollu jibki. Qalet li hi dejjem ħadet ħsieb ħuha peress li kellu l-vizzju tal-logħob u kienet tħallaslu d-dejn li ġieli għamel, inkluż mal-banka tal-lottu tal-Birgu. Qalet li kienet anke tmur miegħu darba f'sena l-casino biex volontarjament jiffirma biex ma jħalluhx jidħol. Qalet li martu kienet taf li kellu d-dejn għax l-attriċi anke ħallset id-dejn li kellhom fuq iż-żewġ karozzi tagħhom. Qalet li meta miet, martu qalet lil kulħadd li ħallielhom sebgħin euro (€70,000) dejn. Qalet li pero' x-xhud taf li ħuha kellu tletin elf lira Maltija fil-bank għax ħuha kien igħidilha b'kollox u kienu ulied ix-xhud stess li kienu jmorru l-bank f'isem zijuhom. Qalet li f'Diċembru 2011 marret titlob lin-nutar Lia biex jagħtiha kopja tal-oriġinal tat-testment u donazzjoni fuq ordni tal-Qorti u baqa' jirrifjuta li jagħtihomlha. Qalet li għamlet rapport tal-pulizija kontra n-nutar.

Illi fl-affidavit tiegħu **x-xhud Jason Briffa**[8], ħu l-attriċi, qal li fl-2008 hu kien imur igħin lil Mario Bartolo fil-ħanut Lyon's Bar, meta oħtu ma kinitx tkun hemm, għax Mario kien qed jitlef il-vista u kien diffiċli għalih jagħti l-bqija. Qal li ġieli kien iwasslu għal xi qadi, għax hu ma kienx jara biżżejjed biex isuq. Qal li darba mar jarah l-isptar ma' Alfred Dato u tah f'idu panina li kienet bagħtitlu oħtu Marie Louise. Qal li kien hemm martu u x'ħin din farfritlu ftit wiċċu mill-frak tal-ħobż, Mario dar lejha beżgħan u talabha ma ssawtux. Qal li martu ma kinitx tħallihom waħidhom miegħu għax kienet tibża li oħt Mario tibgħatlu xi risposta.

Illi **x-xhud Marilyn Bartolo**[9] qalet li hi bint Mario Bartolo. Qalet li fit-testment ta' Jannar 2009 li sar id-dar tagħhom, hi kienet preżenti imma ma qagħditx sal-aħħar għax marret ix-xogħol. Qalet li barra n-nutar u missierha fis-sodda, kien hemm ommha, ħuha, nannitha u żewġ xhieda li kienu joqogħdu fejn kienet toqgħod hi qabel. Qalet li aktarx dawn ix-xhieda jisimhom Alex u martu. Qalet li missierha ma tantx tkellem għax ma kienx fi stat li jagħmel xejn. Qalet li hi qagħdet dieħla u ħierġa imma kienet qed tifhem x'kien qed jiġri u kienet preżenti waqt il-firma. Qalet li mhux missierha ffirma. Qalet li ommha qabditlu jdejh u l-ewwel iffirma fuq biċċa karta u mbagħad iffirma t-testment, dejjem megħjun minn omm ix-xhud. Qalet li ommha qabditlu jdejh u missierha 'ma kellux way oħra'. Qalet li ma kienx jaf x'qed jiġri madwaru. Hi qalet li żgur missierha 'ma kellux way oħra'. Qalet li la ma kien kapaċi jagħmel xejn, allura bilfors jiddependi fuq ħaddieħor. Mistoqsija mill-Qorti, hi qalet li missierha kien jaf li hemm in-nutar fil-kamra biex hu jagħmel testment, imma żgur ma kellux way oħra. Qalet li n-nutar mar kemm-il darba għandhom għax hu ħabib tan-nannu tax-xhud, li jiġi missier ommha, u f'dawn id-drabi qagħdu jaraw kif se jagħmlu l-firma. Qalet li kieku missierha ried jagħmel testment ieħor, kieku kien iġib in-nutar ta' Bormla, Sciberras, għax hu u l-familja n-naħa tiegħu dejjem biha ħadmu u qatt ma kellhom problemi. Qalet li damu jistaqsuh ħafna qabel qalilhom li kien għamel testment iktar kmieni fl-2008. Qalet li kien ikun hemm l-argumenti d-dar dwar dan il-ħanut. Qalet li meta marad missierha, l-ewwel staqsa lix-xhud tridx il-ħanut u hi rrifjutat għax kellha paga tajba dak iż-żmien. Imbagħad qalet li staqsa lil ħuha u dak m'aċċettax dakinhar. Qalet li ommha qatt ma riedet tmur il-ħanut. Qalet li zitha dejjem ħadmet hemm ma' missierha u x-xhud xtaqet li missierha jagħti l-ħanut lil zitha. Qalet li hi ppruvat iżżomm il-ħanut miftuħ sena qabel ix-xhieda, imma ma rnexxilhiex . Qalet li ma xtaqitx li l-ħanut

[8] Dok MLB 2 a fol 43.
[9] Fol 146.

jingħalaq imma hekk ġara u issa hu magħluq. Qalet li missierha kellimha kemm-il darba fuq il-ħanut, qabel sar dan it-testment għand in-nutar Lia u offrielha l-ħanut, imma hi xtaqet tibqa' taħdem bil-paga. Mistoqsija fejn toqgħod, ix-xhud tat l-indirizz tagħha fix-Xgħajra u qalet li hi telqet mid-dar għax kienet tqila u ommha m'aċċettatx it-tarbija. Qalet li f'Jannar 2009, ommha u n-nannu ġabu lin-nutar Lia u lilha ma qalulha b'xejn u saret taf x'qed jiġri meta ġie d-dar in-nutar. Qalet li pero' hi kienet ħdejn missierha, ġejja u sejra għax missierha kien qiegħed fil-kuritur taħt it-taraġ u hi kienet sejra mill-kċina għall-kuritur. Kienet qed tisma' x'kienu qed igħidu. Qalet li ħuha ukoll kien hemm, kollha ħdejn xulxin kienu u n-nannu u n-nanna qagħdu ħdejn il-bieb ta' barra, għax bilkemm hemm għaxar passi bogħod. Qalet li anke jekk tista' tibbenefika minn dan it-testment, ix-xhud jinteressaha mill-verita'. Ċaħdet li qed tipprova tagħmel vendikazzjoni minn ommha. Qalet li missierha ma kienx jiflaħ jitkellem u beda jwieġeb lin-nutar b'qishom ħsejjes. Qabel ħarġet għax-xogħol, ix-xhud staqsiet lil missierha hux ok, u qalilha biss 'ok'. Qalet li ħafna drabi kien ikellimha bi ħsejjes bħal 'em' jew 'iva'. Kienet tmur ta' spiss ħdejh wara x-xogħol u tipprova ddaħħku ftit imma ma tantx kien jista' jkompli magħha. Ħafna mill-ħin kien jisma' biss. Kien jokrob ħafna, jibki bl-uġigħ u jgħid li m'għandux aptit jiekol.

Illi **x-xhud in-Nutar Carmelo Lia** [10] esebixxa vera kopja tal-kuntratt ta' donazzjoni tal-5 ta' Mejju 2009[11], li m'għandux firem, peress li ma jistax jirrilaxxa l-oriġinal iffirmat. Qal li dan il-kuntratt sar fid-dar ta' Mario Bartolo, fi spazju taħt it-taraġ, u Mario kien jidher kompost, għalkemm marid, u jaf xi jrid jagħmel, u ċioe' li jħalli lil ibnu Clayton biex imexxi n-negozju. Qal li Mario kien infurmah li min kien qed imexxi l-ħanut Lyons Bar kien qed imexxieh b'mera tolleranza u mhux b'xi titolu. Qal li kien kellmu Carmelo Attard u laqqgħu mal-koppja Bartolo imma mbagħad dan Carmelo Attard ma kellux x'jaqsam iktar fl-atti. Qal li l-firem li jidhru, saru fil-preżenza tiegħu u hu rahom jiffirmaw. Qal li meta ġie biex jiffirma Mario Bartolo, peress li kien mimdud fis-sodda, martu Maria arbulatu biex ġie bilqiegħda u seta' jikteb. Qal li dan għamlu billi poġġewlu ktieb taħt il-kuntratt biex ikun jista' jikteb. Qal li lil bint Mario u Maria, ġieli raha fid-dar tal-ġenituri, tiela' u nieżla t-taraġ, pero' ma jiftakarx kinitx hemm dakinhar tad-donazzjoni, peress li hu mar diversi drabi għand il-koppja Bartolo. Dwar it-testment ta' Jannar 2009, qal li kien ukoll Carmelo Attard li laqqgħu mal-koppja Bartolo u t-testment sar ukoll taħt it-taraġ tad-dar

[10] Fol 169. Traskrizzjoni bl-idejn ta' din ix-xhieda tinsab a fol 177 sa fol 180.
[11] Dok A a fol 172.

ta' Mario Bartolo. Qal li Mario kien marid u kien mimdud. Qal li Mario kien iddispjaċut li kien għamel testment kontra l-familja tiegħu u xtaq jirrimedja. Qal li ra lil Mario jiffirma dan it-testment tal-20 ta' Jannar 2009, liema testment ma kienx unica carta. Qal li kemm fil-każ tad-donazzjoni kif ukoll fil-każ tat-testment ta' Jannar 2009 ma kien hemm ħadd iktar magħhom taħt it-taraġ, ħlief Mario, mart Mario Maria u n-nutar stess. Qal li x-xhieda, li kienu raġel u mara, daħlu xħin sejħilhom hu. Hu kkonferma affidavit li kien ipprepara sentejn qabel u esebieh[12]. Qal li kien hemm xi erba' darbiet oħra meta mar għand Mario Bartolo.

Illi fl-affidavit tiegħu, **ix-xhud Carmelo Attard**[13], missier il-konvenuta Maria Bartolo, qal li kien Clayton Bartolo li kien talbu jsib nutar għax missieru ried jagħmel testment u donazzjoni. Qal li meta sar it-testment hu ma kienx id-dar ta' bintu imma meta saret id-donazzjoni hu kien preżenti fid-dar ta' bintu, imma qagħad fis-salott u ma marx taħt it-taraġ. Qal li ma sema' xejn. Qal li taħt it-taraġ dakinhar tad-donazzjoni kien hemm in-nutar Lia , Mario, Maria, mart ix-xhud Frida u Clayton. Qal li lil Marilyn ma rahiex id-dar. Qal li Mario Bartolo baqa' moħħu jaf x'qed jagħmel sakemm miet. Qal li Mario kien fis-sodda u biex kien jiffirma kienu jżommulu dahru.

Illi in kontroeżami x-xhud Carmelo Attard[14] qal li r-relazzjoni bejn bintu Maria u żewġha Mario kienet tajba ħafna. Qal li fit-testment ta' Jannar 2009, hu u martu ma kinux preżenti fid-dar ta' Mario. Fid-donazzjoni ta' Mejju 2009 x-xhud qagħad waħdu fis-salott. Qal li Clayton talbu jsibilhom nutar u ħalla f'idejh u x-xhud dejjem bin-nutar Lia ħadem u ġabilhom lilu. Qal li ma kienx jaf li Mario kien għamel testment qabel dak ta' Jannar 2009 u qatt ma ċċekkja Mario kienx għamel testmenti oħra qabel dan.

Illi fl-affidavit tiegħu **il-konvenut Clayton Bartolo**[15] qal li hu iben Mario u Maria Bartolo. Qal li fil-bidu tal-2008 kien jinżel igħin lil missieru fil-Lyons Bar biex jagħti l-bqija għax missieru ma kienx baqa' jara minħabba d-dijabete u katarretti. Qal li kien għamel hekk għal xi ħames snin. Qal li missieru dejjem xtaq li l-ħanut jieħdu hu biex imexxieh. Qal li f'Diċembru 2008 missieru kien esprima dispjaċir miegħu li kien ħalla l-ħanut lil oħtu u xtaq li jagħmel testment ieħor ma'

[12] Dok B a fol 174. F'dan l-affidavit in-nutar Lia ddikjara li qabel ippubblika l-kuntratt ta' donazzjoni bejn Mario u Maria Bartolo u binhom Clayton Bartolo, hu aċċerta ruħu li Mario ma kien sfurzat minn ħadd biex jagħmel dan il-kuntratt u kien jaf sew x'qed jagħmel u l-konsegwenzi ta' dik id-donazzjoni. Iddikjara wkoll li l-aħħar testment ta' Mario kien sar fl-atti tiegħu, fejn Mario istitwixxa lil martu Maria Bartolo b'eredi universali tiegħu.
[13] Fol 212.
[14] Fol 240.
[15] Fol 213.

martu Maria. Qal li meta sar it-testment, hu kien fuq f'kamartu u oħtu kienet fuq f'kamritha. Qal li ommu dejjem ħadet ħsieb lil missieru, speċjalment meta kien dieħel u ħiereġ l-isptar. Qal li f'dawn il-perjodi, kien imur hu u zitu l-attriċi Louise jmexxu l-bar. Qal li hu paga ma kellux u zitu Louise kienet tibgħat miegħu mija u disgħin euro darba fil-ġimgħa lil ommu. Qal li l-permessi, VAT, ħlasijiet ta' kontijiet u taxxi kollox kien fuq isem missieru u hu kien jagħti rendikont tal-cash register lil accountant meta missieru ma kienx ikun il-ħanut. Qal li missieru xtaq li hu jieħu l-bar u kien staqsieh iridux u hu aċċetta. Qal li kellu relazzjoni tajba ma' missieru. Qal li meta saret id-donazzjoni kienu preżenti missieru u ommu, hu u omm u missier ommu li qagħdu fis-salott. Qal li oħtu ma kinitx taħt it-taraġ ħdejhom. Qal li ommu għenet lil missieru jqum bilqiegħda u ġabitlu xi ħaġa iebsa biex jiffirma fuqha. Qal li missieru ffirma waħdu u ħadd m'għenu jiffirma. Qal li missieru qabel ma' dak li qara n-nutar għax hekk ried jagħmel. Qal li missieru kien dgħajjef minn saħħtu imma moħħu kien jaf x'qed jagħmel. Qal li f'Ġunju 2009 irriżenja mill-impjieg li kellu u wara li kien iffirmalu missieru, qaleb il-permessi tal-bar kollha fuq ismu. Ikkonferma li Jason Briffa hu ħu r-raġel tal-attriċi pero qal li Joseph Agius ma jafx min hu. Qal li hu u oħtu dejjem kellhom relazzjoni tajba flimkien. Qal li l-ħanut għalqu minħabba xi affarijiet li bdew isiru fil-ħanut u hu ma riedx imiss mal-pulizija. Qal li kien ħalla lil oħtu tiftħu biex taqla' xi ħaġa, imma skopra li kienet ħalliet lil boyfriend tagħha jgħinha mingħajr ma qalet lilu l-ewwel. Qal li skopra li dan ir-raġel kien għamel il-ħanut qisu tiegħu u hu ried igħin lil oħtu, mhux igħajjex lil dan minn fuq daharha. Qal li ddeċieda li jieħu l-ħanut lura u oħtu ssuppervjat u telqet mid-dar. Qal li pprova jikkonvinċiha ma titlaqx. Qal li ommu ma kellhiex grazzja mal-boyfriend ta' bintha, u ommu u oħtu ma spiċċawx tajjeb bejniethom. Qal li oħtu telgħet tixhed kontra ommu imma hu jiċħad li xi ħadd għen lil missieru jiffirma l-kuntratt ta' donazzjoni.

Illi in kontroeżami Clayton Bartolo[16] qal li kien imur il-ħanut u jgħin fin-negozju flimkien ma' zitu biex jibqa' ġej id-dħul għall-familja. Qal li kien jaf li missieru Mario kien għamel testment u ħalla l-ħanut lill-attriċi għax kien qallu missieru stess u qallu li ħass li għamel żball, għax ra kemm il-familja tiegħu qed iduru bih. Qal li waqt it-testment ta' Jannar 2009 hu kien f'kamartu u ma ra xejn. Qal li mbagħad waqt id-donazzjoni ta' Mejju 2009 kien preżenti flimkien ma' missieru Mario, n-nutar Lia, ommu u nanntu. Qal li missieru ma kellux dejn man-nies, lanqas ma' ċertu persuna bil-laqam ta' Paxu. Ix-xhud ċaħad li l-attriċi

[16] Fol 254.

ħallset id-dejn ta' Mario li kellu mal-Paxu quddiem ix-xhud stess. Qal li d-donazzjoni ffirmawha missieru u hu. Qal li ommu żammet lil missieru minn dahru biex ikun jista' jikteb u poġġietlu file iebes taħt il-karta biex jikteb aħjar. Qal li missieru ma setax jara sew il-karta u allura għawġu ftit il-file biex jiġi iktar komdu għal idejh biex jiffirma, għax in-nervituri ta' jdejh ma kinux qed jagħtuh. Qal li wara d-donazzjoni l-liċenzja għaddiet fuq ix-xhud, wara li missieru kien ffirmalu l-karti tat-transfer.

Illi fl-affidavit tagħha **x-xhud Anna Dalli**[17] qalet li meta sar it-testment ta' Jannar 2009, taħt it-taraġ ħdejn Mario Bartolo kienu hi u r-raġel tagħha Alex, Maria u n-nutar. Qalet li Mario qabel mat-testment x'ħin qrah in-nutar. Qalet li dakinhar Mario għaraf leħinha u kellem lir-raġel u għalhekk kien f'sensieh. Qalet li Alex u Maria għenu lil Mario jqum ftit minn mimdud biex jiffirma. Qalet li Mario waħdu ffirma t-testment u ħadd m'għenu. Qalet li ma ratx iktar nies fid-dar dakinhar. Qalet li tikkonferma l-affidavit ta' żewġha Alex. Esebiet stqarrija li hi tat lill-pulizija.[18]

Illi in kontroeżami, Anna Dalli[19] kkonfermat l-istqarrija tagħha in atti. Qalet li Mario kien jara imma mhux ċar, jiġifieri ma kienx għami għal kollox, u għalhekk m'għarafhomx biss minn leħinhom. Qalet li lil Mario hi kienet kellmitu forsi darbtejn qabel dakinhar tat-testment. Mistoqsija kif Mario għaraf leħinha meta kienet kellmitu biss darbtejn, qalet li huma ġirien. Ikkonfermat li ġiet tħabbtilhom Maria dakinhar tat-testment u huma aċċettaw li joqogħdu xhud. Qalet li xħin daħlu, kien hemm Mario fis-sodda, Maria, n-nutar u x-xhud u żewġha. Qalet li r-raġel tagħha u n-nutar qandlu lil Mario. Qalet li n-nutar qara t-testment u mbagħad iffirmawh Mario u Maria u x-xhud u żewġha. Qalet li Mario kien mimdud u għollewh u mbagħad Maria ġabet xiħaġa iebsa biex jista' jikteb aħjar, u Mario ffirma. Mistoqsija mill-Qorti jekk Mario ffirmax waħdu jew għenuhx, qalet li waħdu ffirma u hi ratu jiffirma waħdu.

---

[17] Fol 216.

[18] Fol 217. Din l-istqarrija li saret kważi sena wara li sar it-testment ta' Jannar 2009, tgħid li meta ssejħu biex imorru jkunu xhieda ta' firma ta' testment kienu xi 7pm. Xħin marru, kien hemm ħdejn Mario, mimdud fis-sodda, in-nutar u mart Mario biss. L-ulied ma kinux maġenb Mario. Qalet li Mario għarafhom minn leħinhom għax ma kienx jara wisq. Qalet li t-testment iffirmah l-ewwel Mario, imbagħad martu, u wara huma bħala xhieda. Qalet li tiftakar li ħalla kollox lil martu u lil uliedu. Qalet li xħin Mario ġie biex jiffirma, Alex għenu jqum u Maria ġabitlu xiħaġa iebsa għal taħt il-karta, u ffirma quddiemhom bħala xhieda.

[19] Fol 265.

Illi fl-affidavit tiegħu **ix-xhud Alex Dalli**[20] qal li huma ma tantx jafuhom lill-familja Bartolo u qatt ma kienu daħlu għandhom id-dar qabel dakinhar tat-testment. Qal li dakinhar tat-testment xħin daħlu huma, kien hemm biss in-nutar u Maria ħdejn Mario, li kien mimdud. Qal li n-nutar qara t-testment u mbagħad hu u Maria għenu lil Mario jqum ftit, Maria ġabet xiħaġa iebsa biex jiffirma fuqha u Mario ffirma t-testment quddiemhom. Qal li ħadd ma żammlu jdejh lil Mario biex jiffirma. Qal li Mario għarafhom għax lil Maria qalilha biex lil Alex iġġiblu xiħaġa x'jixrob. Qal li kien ta statement lill-pulizija[21]. Qal li hu infermier f'Mater Dei u meta Mario kien l-isptar, kien qrib is-sala fejn jaħdem hu u kien imur jarah. Qal li dejjem kien ikun f'sensieh.

Illi in kontroeżami, Alex Dalli[22] ikkonferma li qal fl-affidavit dwar kif issejħu biex ikunu xhieda fit-testment ta' Jannar 2009 u min kien preżenti, u li Mario għarfu. Mistoqsi kif qal li kien mar jara lil Mario spiss l-isptar meta qal li dakinhar tat-testment biss kienu daħlu d-dar għandhom, qal li kien mar jarah l-isptar xi darba jew darbtejn , bħala ġest. Ikkonferma li dakinhar tat-testment Mario kien qed jara, pero' jaħseb li iktar għaraf leħnu milli rah, għax qal li Mario kien batut. Pero' qal li hu ċert li għaraf leħnu u leħen il-mara tax-xhud, għax semmieh b'ismu u qal lil Maria ġġieblu xiħaġa x'jixrob. Qal li għalkemm qatt ma daħlu għandhom, kienu ġirien u allura kienu jitkellmu u b'hekk għaraf leħinhom Mario. Qal li Mario, la ffirma, kien qed jara. Qal li kif ix-xhud daħal id-dar, Mario rah u għarfu u indirizzah b'ismu, u dan qabel ix-xhud kellem lil Mario. Dwar l-istatement li x-xhud kien ta lill-pulizija qal li kien ċempillu l-Ispettur Gafa' u ħa qatgħa u mbagħad l-ispettur spjegalu li kien dwar testment, u mbagħad il-koppja Dalli telgħu id-Depot. Ix-xhud ikkonferma l-istatement tiegħu in atti u kkonferma li kien Mario Bartolo li ffirma t-testment.

Illi fl-affidavit tagħha, **il-konvenuta Maria Bartolo**[23] qalet li żewġha kellu Lyon's Bar f'Bormla li kien wiret mingħand ommu. Qalet li kien igħidilha li kien qed iżomm xi flus għand oħtu l-attriċi Louisa Briffa u hi kienet wegħditu li se tagħtihomlu lura bil-kwiet. Qalet li hu kien jibża' minn oħtu u kien jagħmel kollox bil-permess tagħha. Qalet li qatt ma ssellef flus mingħandha u ma kellux jagħtiha flus. Qalet li żewġha marad fis-sajf tal-2008 u l-ewwel marad b'għajnejh u mbagħad marad

[20] Fol 219.
[21] Anness bħala Dok X, a fol 220. Din l-istqarrija hi simili għal dik ta' Anna Dalli imma tvarja minnha fil-ħin xħin issejħu, għax Alex qal li ssejħu xit-tmienja jew id-disgħa ta' filgħaxija u kien ħafna maltemp. Igħid li jekk jiftakar sew, kien in-nutar li għen lil Mario iqum ftit. Qal li ma kellux ħafna kunfidenzi mal-familja Bartolo. Qal li meta Mario kien l-isptar, kien imur jarah sikwit u lilu kien jagħrfu.
[22] Fol 259.
[23] Fol 222.

bil-kliewi wkoll. Qalet li meta kien ikun naqra aħjar kienet tieħdu fil-bar fejn kien ikun hemm oħtu l-attriċi u Clayton li kienu jmexxu n-negozju f'ismu. Qalet li dakinhar tat-testment, Clayton kien ftiehem ma' nannuh biex isiblu nutar u meta ġie n-nutar, daħal taħt it-taraġ fejn Mario kien fis-sodda u hi ġabet bħala xhieda lil Alex u Anna Dalli. Qalet li dakinhar hi għamlet testment għaliha wkoll u l-koppja Dalli kienu xhieda tat-testment tagħha wkoll. Qalet li ommha u missierha ma kinux id-dar dakinhar u t-tfal kienu f'kamrithom. Qalet li mbagħad f'Mejju 2009 Mario qalilha li jixtieq iħalli l-ħanut lil binhom Clayton u jirranġa l-iżball li kien għamel li ħallieh lil oħtu. Qalet li dakinhar li saret id-donazzjoni, taħt it-taraġ ħdejn żewġha mimdud, kien hemm in-nutar, ix-xhud konvenuta, ommha u Clayton. Qalet li missierha kien fis-salott waqt li bintha kienet mal-ex boyfriend tagħha fil-kċina jagħmlu t-te' u għalhekk ma setgħetx semgħet x'kien qed jingħad taħt it-taraġ għax hemm distanza ta' xi tnejn u għoxrin pied. Qalet li żewġha ddeskriva l-ħanut lin-nutar u qallu li xtaq jagħtih lit-tifel Clayton. Qalet li n-nutar kiteb il-kuntratt dak il-ħin stess u qrah. Qalet li hi żammet lil żewġha minn dahru u ġabitlu file biex ikun jista' jiffirma. U żewġha ffirma kif seta', minħabba l-mard tiegħu. Qalet li mhux minnu li l-attriċi kienet taħdem f'dan il-ħanut imma kienet tmur hemm biex tieħu t-te'. Qalet li l-ħanut kienu jieħdu ħsiebu żewġha Mario u missier Mario. Imbagħad meta marad Mario fl-2008, l-attriċi kienet tmur tgħin lil Clayton fil-ħanut. Qalet li Clayton kien ilu jaħdem hemm xi ħames snin qabel miet missieru. Qalet li l-attriċi kienet tieħu ħsieb il-flus tal-bar meta marad Mario u kienet tibgħatilha mija u disgħin euro fil-ġimgħa, waqt li lil Clayton ma kienet tagħtih xejn. Qalet li Mario kien qalilha li kien għamel l-ewwel testment għax l-attriċi oħtu kienet tiġġieled miegħu u li kienet dejjem tgħidlu li martu ma tħobbux, u għalhekk ried jibdel it-testment. Qalet li mhux veru li Clayton irrifjuta l-ħanut u mhux veru li Mario kien offra l-ħanut lil Marilyn. Qalet li Mario dejjem lil Clayton ried jagħtih il-ħanut. Qalet li kellha relazzjoni tajba mal-ġenituri kemm ta' Mario u kemm tagħha. Qalet li hi ħadet ħsieb żewġha sakemm miet u qalet li dan kulħadd jafu. Qalet li mhux veru li xi darba refgħet idejha fuqu. Qalet li meta kienet tiġi oħtu l-attriċi tarah, kien jgħaddi wiċċu bil-liżar għax ma kienx ikun irid ikellimha. Qalet li kienet hi li marret il-casino ma' żewġha biex jiffirma biex ma jidħolx, u mhux oħtu l-attriċi. Qalet li hi ħallset id-dejn tal-VAT u kontijiet tad-dawl li kellu żewġha, imma ma kellux dejn fuq il-logħob. Qalet li Mario kien jagħti l-flus tal-bolol lil oħtu imma din ma ħallsithomlux u fil-fatt ħallsithom martu. Qalet li mhux veru li hi qalet li żewġha ħallielha ħafna dejn, għax hu kellu tletin elf lira Maltija l-bank. Qalet li mhux veru li Jason Briffa kien imur jgħin lil żewġha l-ħanut għax kien ikun hemm Clayton igħin. Qalet li Jason darba ġie jarah l-isptar. Qalet li

kulħadd jista' jgħid kemm kienet tieħu ħsiebu l-isptar. Esebiet stqarrija li hi tat lill-pulizija[24]. Qalet li bintha Marilyn, fiż-żmien li xehdet, kienet miġġielda magħha għax ix-xhud m'aċċettatx il-boyfriend li Marilyn kellha, li kien għoxrin sena ikbar minnha, u telqet tgħix miegħu. Qalet li Marilyn ma kinitx preżenti, la waqt it-testment ta' Jannar 2009 u lanqas waqt id-donazzjoni. Qalet li lanqas Clayton ma kien preżenti fit-testment. Qalet li kienu qalu lil uliedhom biex jibqgħu fil-kmamar tagħhom waqt it-testment. Qalet li tiċħad li hi żammet idejn żewġha biex jiffirma. Qalet li żewġha għamel kif xtaq hu, kemm fit-testment u kemm fid-donazzjoni. Qalet li n-nutar Lia darbtejn biss mar id-dar għandha, darba għat-testment u darba għad-donazzjoni. Qalet li l-ħanut għamel sena magħluq u Clayton ħalla lil oħtu tiftħu biex tmexxieh, imma mbagħad beda jikkmanda l-boyfriend tagħha, u Clayton iddeċieda jagħlqu. Qalet li żewġha kien jitkellem normali għalkemm kien ikun muġugħ u ġieli kien jibki. Qalet li Marilyn rari kienet tiġi tarah u kienet tgħajjatlu b'ismu minflok 'pa'. Qalet li l-medical file juri ċar li żewġha baqa' kapaċi jagħti l-kunsens tiegħu u jaf x'inhu jagħmel sa ma miet. Qalet li ħallset arretrati ta' dawl tal-bar[25] li suppost kellhom jitħallsu mill-attriċi. Qalet li ħallset ukoll arretrati ta' VAT u esebiet dokument li juri li l-VAT kien fuq isem żewġha[26]. Esebiet liċenzja[27] li kienet fuq isem żewġha u mbagħad daret fuq binha Clayton.

Illi in kontroeżami, Maria Bartolo[28] qalet li żewġha kien qalilha li kien ħalla l-ħanut lill-attriċi Louisa imma ma qalilhiex għaliex għamel hekk. Qalet li mbagħad kien qalilha li ddispjaċieh u li ried jirranġa l-iżball li għamel. Ikkonfermat li meta Mario xtara ċurkett lix-xhud, kien qalilha biex ma tgħidx lill-attriċi u kull fejn kienu jmorru, kien igħidilhom biex ma jgħidux lill-attriċi. Qalet li ma tafx għaliex kien igħid hekk imma x-xhud u Mario kienu jaħdmu flimkien biex iżommu l-kwiet. Qalet li ddispjaċieh li kien ħalla l-ħanut lil oħtu attriċi għax kien jaf li x-xhud tħobbu u tirrispettah u baqgħet sal-aħħar miegħu, u jekk ikollok xiħaġa, lil uliedek u lil martek trid tħalliha. Mistoqsija kinitx taqbel li Mario jħalli l-ħanut lill-attriċi, qalet li lil żewġha dejjem ħallietu liberu għax il-ħanut kien tiegħu mill-familja tiegħu imma qalet li x-xewqa t'omm Mario dejjem kienet li l-ħanut tagħtih lilhom għax hi għandha t-tifel, lil Clayton. Mistoqsija għaliex wara li Mario għamel testment f'Jannar 2009 u istitwixxa lil martu bħala eredi, Mario għamel donazzjoni lil

[24] Fol 226. Fiha qalet li dak iż-żmien żewġha kien għadu jara imma mhux mill-bogħod. Qalet li ma kellhiex xi problemi partikolari ma' żewġha ħlief dawk ta' koppja normali. Qalet li r-relazzjoni tagħha mal-attriċi ma kinitx ħażina imma minn meta marad, l-attriċi bdiet taqla' ħafna paroli.
[25] Fol 228.
[26] Fol 233.
[27] Fol 229 sa fol 232.
[28] Fol 246.

ibnu proprju ftit jiem qabel ma miet, qalet li l-proprjeta' ta' Mario jiddeċiedi x'jagħmel biha Mario, u qalet li x-xhud xtaqet tirrispetta x-xewqa t'omm Mario li l-ħanut igħaddi għand Clayton. Mistoqsija tgħid kinitx l-idea ta' missier ix-xhud li ssir donazzjoni meta t-testment kien ċar li kollox sejjer għand ix-xhud, hi ċaħdet li kienet idea ta' missierha. Qalet li missierha ma jikkmandax x'tagħmel hi, imma tieħu parir u jekk jogħġobha timxi fuqu, inkella twarrab il-parir. Qalet li ħadet parir mingħand missierha dwar in-nutar b'min se taħdem. Dwar ir-rapport tal-espert li qal li l-firma fuq id-donazzjoni m'għamilhiex Mario, qalet li Mario baqa' jiffirma hu għalih innifsu sal-aħħar l-isptar, u baqa' f'sensieh sal-aħħar. Qalet li tant Mario kien f'sensieh li fil-jum li miet, fis-16 ta' Mejju, fit-tlieta qalilha li qed imut u miet fil-ħamsa. Qalet li fl-aħħar imbagħad beda jiffirma salib għax kien batut. Mistoqsija min kien hemm fid-dar dakinhar li sar it-testment f'Jannar 2009, qalet li kien hemm ix-xhud u Mario, ix-xhieda l-koppja Dalli u n-nutar Lia. Clayton kien f'kamartu u t-tifla kienet f'kamritha. Fil-kċina ma kien hemm ħadd. Meta saret id-donazzjoni mbagħad it-tifla kienet fil-kċina mal-ex boyfriend tagħha, waqt li ħdejn Mario kien hemm ix-xhud, in-nutar Lia u omm ix-xhud. Qalet li hi taf kif kien jitmexxa l-ħanut u kienet tħallieh f'idejn Mario u mbagħad f'idejn it-tifel Clayton. Qalet li l-flus li kienet tirċievi, massimu ta' mitejn euro fil-ġimgħa, kienet tibgħathomlha l-attriċi ma' Clayton. Qalet li żewġha ma kellu dejn ma' ħadd.

Illi fl-affidavit tagħha **ix-xhud Alfrida Attard**[29]**,** omm il-konvenuta Maria Bartolo, ikkonfermat li x-xhud u żewġha ma kinux hemm meta Mario u Maria għamlu testment f'Jannar 2009. Qalet li żewġha kien ġab in-nutar Lia lil Mario Bartolo biex jagħmel id-donazzjoni, għax kien talbu Mario stess. Qalet li meta sar il-kuntratt hi kienet preżenti taħt it-taraġ, flimkien man-nutar Lia, Mario mimdud, Maria u Clayton. Qalet li żewġha baqa' fis-salott u ma marx ħdejhom. Qalet li semgħet lil Mario jgħid lin-nutar li ried jagħti l-ħanut lil Clayton u hekk ġara. Qalet li Mario qabel ukoll mal-kuntratt kif qrahulu n-nutar. Qalet li Mario ffirma quddiem in-nutar u Maria żammitu minn dahru biex ikun bilqiegħda. Qalet li Mario nnifsu ffirma d-donazzjoni u ħadd ħliefu.

Illi fir-rapport tiegħu, **l-espert kaligrafu**[30] kkonkluda li hemm karatteristiċi identiċi bejn il-firma ta' Mario Bartolo[31] u l-firma tiegħu fuq it-testment tiegħu tal-20 ta' Jannar 2009. Pero' sab punti ta'

---

[29] Fol 234.
[30] Fol 51 sa fol 131 (ara l-konklużjonijiet a fol 74).
[31] Meħuda minn dokumenti ffirmati qabel l-aħħar parti tal-2008, (nkluż kambjali u firem għall-isptar) kif ukoll dokumenti ffirmati fl-istess żmien li kienu ffirmati d-dokumenti in kwistjoni.

diskrepanza bejn il-firma ta' Mario Bartolo u l-firma tiegħu fuq id-donazzjoni tal-5 ta' Mejju 2009.

Illi mistoqsi in eskussjoni, l-espert kaligrafu [32] qal li Mario Bartolo kellu difetti fil-kitba bejn Diċembru 2008 sa meta miet. F'dan iż-żmien kien ħafna l-isptar u allura saħħtu marret lura. Il-kitba tiegħu żammet il-karatteristiċi li kellha qabel imma ma baqgħux daqshekk ċari. Qal li fit-testment ta' Jannar 2009 il-firma kienet stabbli u l-karatteristiċi kienu identiċi. Qal li fid-donazzjoni ta' Mejju 2009 il-firma ma fihiex il-karatteristiċi koordinati flimkien li jidhru fid-dokumenti l-oħra, u dan anke wara li ħa in kunsiderazzjoni l-istat ta' saħħa fraġli li kellu huma u għaddejjin ix-xhur. Għalhekk qal li l-firma fuq id-donazzjoni mhix ta' Mario Bartolo. Qal li t-trehid fil-firma tat-testment ta' Jannar 2009 hu ġustifikat minħabba l-istat ta' saħħa ta' Mario Bartolo dak iż-żmien. Qal li bbaża ħafna fuq il-perjodu bejn Diċembru 2008 sa meta miet Mario Bartolo u qabbel il-firem tal-file tal-isptar f'dak il-perjodu mal-firem fuq it-testment u donazzjoni u dokumenti oħra ffirmati f'dak il-perjodu. Mistoqsi jekk bniedem meta jkun marid serjament jibdilx il-karatteristiċi tal-firma tiegħu, qal li l-karatteristiċi jibqgħu l-istess imma d-disinn jista' jinbidel.

Illi **l-perit psikjatra** fir-rapport tiegħu[33] qal li hu eżamina l-provi kollha kif ukoll il-file mediku ta' Mario Bartolo. Qal li Mario Bartolo kien marid ħafna u saħħtu aggravat iktar kemm beda għaddej iż-żmien, pero' dan ma jfissirx li ma kienx f'sensieh. Fir-rapport tiegħu il-perit psikjatra jinnota li mill-file mediku jirriżulta li bejn l-10 ta' Novembru 2008 sa mill-inqas id-29 ta' Diċembru 2008 Mario Bartolo kien depress, ibati minn mood swings u magħluq fih innifsu,[34] u dan irriżulta minn konsulti psikjatriċi li sarulu waqt li kien l-isptar. Il-perit psikjatra qal li mill-fatti tal-każ ma sabx evidenza konkreta li turi li Mario Bartolo ma kienx f'sensieh jew ma kienx jaf x'qed jagħmel, kemm fil-każ tat-testment ta' Jannar 2009 kif ukoll fil-każ tad-donazzjoni ta' Mejju 2009.

Illi mistoqsi bil-miktub in eskussjoni, qal li nkluda t-tielet, ir-raba' u l-ħames paragrafu tal-konklużjonijiet tiegħu[35] għaliex bħala psikjatra jipprova jifhem għaliex wieħed jasal għal ċertu imġieba. Qal li pero' dawn huma suppożizzjonijiet.

---

[32] Fol 136.
[33] Fol 282.
[34] Fol 291.
[35] A fol 294.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi b'mod ġenerali u dwar x'prova hija rikjesta f'kawżi bħal din in eżami ssir referenza għas-sentenza ***Lawrence Attard vs George Attard et***[36] fejn il-Qorti qalet li meta t-testatur hu mejjet, ir-rieda tiegħu murija f'att pubblikat, tinbidel biss fuq provi peżanti u univoċi:

> *Il-massima tad-dritt probatorju li min jallega irid jipprova, tehtieg li tigi osservata fir-rigorosita taghha iktar u iktar fejn wiehed mill-kontraenti li dwaru hi mibnija din il-kawza, hu mejjet. Ir-rieda tieghu murija fuq l-att, bis-solennita kollha mistennija minn att pubbliku ma ghandhiex tigi disturbata jekk mhux wara li jingiebu provi pezanti w univoci li juru mod iehor.*

Illi konsegwentement din il-Qorti ser tkun gwidata minn dan il-prinċipju fl-istħarriġ tagħha tal-punti li jridu jiġi deċiżi.

Ikkunsidrat

### Kapaċita mentali

Illi l-ewwel punt li jrid ikun deċiż hu jekk Mario Bartolo kellhux il-kapaċita mentali rikjesta biex jagħmel t-testment ta' Jannar 2009.

Illi l-kapaċita' biex wieħed jagħmel testment hi regolata bl-artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili. L-artikolu 597 jipprovdi hekk:

> *Huma inkapaċi li jiddisponu b'testment:*
>
> *(a) dawk li ma jkunux għalqu l-età ta' sittax-il sena;*
>
> ***(b) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ma jkunux kapaċi li jifhmu jew li jkollhom volontà, jew li, minħabba xi difett jew ħsara, ma jkunux kapaċi, ukoll permezz ta' interpreti, li jesprimu r-rieda tagħhom:***
>
> ***Iżda testment jista' biss isir permezz ta' interpretu jekk dan ikun testment pubbliku u n-nutar li jkun qed jirċievi t-testment ikun sodisfatt, wara li jagħti ġurament lill-***

[36] Deċiża mill-Prim Awla fit-30 ta' Ġunju 2011, mhux appellata.

***interpretu, li dak l-interpretu jista' jinterpreta x-xewqat tat-testatur b'mod korrett;***

*(ċ) l-interdetti minħabba ġenn jew minħabba diżordni mentali;*

***(d) dawk li, għalkemm mhux interdetti, ikunu persuni b'diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment;***

*(e) l-interdetti minħabba tberbiq, kemm-il darba ma jiġux awtorizzati jiddisponu minn ħwejjiġhom mill-qorti li tkun ordnat l-interdizzjoni tagħhom:*

*Iżda l-interdett minħabba tberbiq jista', ukoll mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-qorti, iħassar it-testment li jkun għamel qabel l-interdizzjoni tiegħu.*

Illi l-partijiet minn dan l-artikolu li huma relevanti għall-kawża odjerna huma s-subartikolu (b) u (d) peress li l-oħrajn jittrattaw ċirkustanzi li ma jisbux applikazzjoni f'din il-kawża.

Illi l-ewwel parti tas-subartikolu (b) tipprovdi li minkejja li ma jkunux interdetti, persuni jitqiesu li huma inkapaċi li jiddisponu b'testment jekk:

- ma jkunux kapaċi li jifhmu, jew
- ma jkollhomx volontà, jew
- ma jkunux kapaċi esprimu r-rieda tagħhom, ukoll peremzz ta' interpretu, minħabba xi difett jew ħsara.

Illli mingħar dubbju sta għall-attur li jipprova dak li jallega biex it-talba tiegħu ikollha suċċess. Fil-proċeduri ċivili, il-livell ta' prova hu relattivament baxx, u ċioe' fuq bażi ta' probabbilta'. Pero' xorta waħda trid titressaq l-aħjar prova. Kif intqal aktar 'l fuq huwa stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza li fil-każ in eżami, fejn dak li qed jiġi mistħarreġ huwa l-validita' ta' testment, jeħtieġ jitressqu provi sodi u mhux ekwivoċi. Publikazzjoni ta' testment toħloq preżunzjoni juris tantum u allura biex din il-preżunzjoni tingħeleb, l-attriċi trid tippreżenta prova b'saħħitha, konsistenti u soda. Aktar minn hekk huwa stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza li din il-prova trid tkun dwar il-mument innifsu meta kien iffirmat it-testment, għaliex hu dak il-punt li fih il-persuna jrid ikollha fehma sewwa ta' li qed jiġri u volonta' ħielsa.

Illi dwar dan il-punt, il-Qorti ta'l-Appell qalet hekk fis-sentenza ***Lorenza Bonnici et vs Maria Dolres Mifsud et***[37]**:**

> *Kif spjegat l-ewwel Qorti, l-inkapaċita` li persuna tagħmel testment trid tkun b'referenza speċifika għall-mument li fih ikun ġie redatt it-testment u m'għandux wieħed jippreżumi l-inkapaċita` minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument, kien hemm okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel. Din il-qorti stess fid-deċiżjoni li tat fit-18 ta' Lulju 2017 fil-kawża fl-ismijiet* **Anton Ellul et v. Maria Busuttil et** *enfasizzat kemm huwa ritenut importanti li jiġi determinat l-istat mentali tat-testatur/testatriċi proprju "fil-punctum temporis meta sar it-testment in kwistjoni". Qalet ukoll illi:*
>
> *"...l-kapaċita` ta' persuna li tagħmel testment għandha titqies bħala r-regola filwaqt li l-inkapaċita` hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni, u li l-liġi toħloq preżunzjoni juris tantum favur il-kapaċita`".*
>
> *Relevanti ħafna hija d-depożizzjoni tan-Nutar Dr Isabelle Gonzi li rrediġiet it-testment. Hija enfasizzat illi t-testatriċi kellmitha u li kienet "fully lucid" u li kienet taf x'qed jintqal. Veru li nutar mhux persuna medika, iżda ċertament li kienet f'pożizzjoni li tikkonstata jekk Carmela Cassar kinitx qed titkellem bis-sens jew le. Hija stess qalet li kienet ċerta li Carmela Cassar kienet qegħda magħha, għaliex kieku ma kienitx taċċetta li tagħmel it-testment. U fid-dawl taċ-ċertifikat tat-tabib Pisani li sar ħames ġimgħat qabel, din il-qorti tikkonsidra l-verżjoni tan-Nutar bħala waħda verosimili.*

Illi fil-każ in eżami għalkemm l-attriċi tirreferi diversi drabi għall-problemi ta' saħħa fiżika li kellu ħuha, hija f'l-ebda parti ta'l-affidavit tagħha ma tallega li ħuha ma kienx jaf x'qed jagħmel. Anzi minn dak li tgħid l-attriċi wieħed jista' jieħu l-impressjoni li ħuħa kellu rieda ċara u preċiża u li dak li kien jixtieq kien jagħmlu. Dan il-Qorti tgħidu għaliex skond l-attriċi f'Novembru 2008 (xahrejn u ftit biss qabel ma sar it-tieni testment), minkejja l-kumplikazzjonijiet mediċi li kellu, ħuha mar waħdu għand nutar biex jagħmel it-testment li bih ħallhielha il-ħanut b'legat. Mhux biss imma f'dak l-istess perjodu kien kapaċi ukoll,

[37] Deċiża fit-2 ta' Marzu 2018. Ara wkoll **Cristiano vs Portelli** deċiża fil-31 ta' Mejju 2004 Prim Awla, mhux appellata.

minkejja il-ħass ħażinijat li kienu jagħtuh u l-problemi tal-vista, regolarment jibagħatielha l-kartiera bil-flus man-nies. Kien kapaċi ukoll jiddiskuti magħha u mat-tfal ix-xewqa tiegħu li jħalli l-ħanut lit-tfal u, skond hi, jifhem li ħadd mit-tfal ma riedhu l-ħanut. Fil-verita kienet biss ix-xhud Marilyn Bartolo (bint Mario Bartolo) li qalet li missierha ma kienx jaf x'qed jagħmel u ma kienx jaf hux qiegħed f'dinja.

Illi n-nutar li rċieva t-testment da parti tiegħu kkonferma li Mario Bartolo kien qed isegwieh u kien qed jifhem dak li kien qed jiġri u ried dak li nkiteb. Dan kien konfermat ukoll mix-xhieda li assistew fit-testment, il-koppja Dalli, li t-tnejn qalu li Mario Bartolo għarafhom, probabbli minn leħinhom, u lil Alex Dalli sejjaħlu b'ismu u kellmu.

Illi aktar minn hekk l-espert psikjatra fir-rapport tiegħu jikkonkludi li, mill-provi prodotti, u wara li eżamina d-dokumenti tal-isptar fid-dettall, Mario Bartolo jidher li xorta waħda baqa' f'sensieh u baqa' jaf x'kien qed jagħmel, minkejja l-kumplikazzjonijiet f'saħħtu.

Illi l-Qorti tqies li ma teżisti l-ebda raġuni għalfejn għandha tiskarta l-fehma ta'l-espert psikjatra jew il-verżjoni tan-Nutar Lia u tax-xhieda konjuġi Dalli. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti jidhrilha li ma nġabitx prova suffiċjenti li turi li fil-ġurnata li sar it-testment l-elementi tal-fehma u tal-volonta', imsemmija fl-artikolu 597(b) tal-Kodiċi Ċivili, kienu nieqsien.

Ikkunsidrat

Illi s-subartikolu (d) tal-artikolu 597 imbagħad jipprovdi dwar dawk il-persuni li ma jkunux interdetti imma li jkollhom diżordni mentali jew kundizzjoni oħra, li tagħmilhom inkapaċi li jieħdu ħsieb ħwejjiġhom fil-ħin li jsir it-testment.

Illi fil-każ ta' Mario Bartolo mir-rapport tal-espert psikjatra, ma jidhirx li hu sofra minn xi diżabilità mentali. Jidher li kellu problemi mediċi serji minħabba d-dijabete u minħabba mard fil-kliewi u f'xi mumenti kien dipress u magħluq fih innifsu. Dawn l-aħħar kundizzjonijiet jistgħu jispjegaw għaliex xi xhieda semmew li kien jibki ta' spiss. Pero' dan ma jammontax għal diżordni mentali. Dwar jekk dawn il-kundizzjonijiet ħżiena ta' saħħa kinux tali li jrenduh inkapaċi li jieħu ħsieb ħwejġu fil-ħin li sar it-testment, l-espert psikjatra ma ta l-ebda indikazzjoni li dan seta' kien il-każ. Anzi qal li għalkemm saħħtu kienet ħażina, dan ma jfissirx li mentalment ma kienx f'pożizzjoni jaqbel jew

ma jaqbilx ma' dak li kien qed jiġri u allura f'pożizzjoni li jiddeċiedi x'jiġri minn ħwejġu f'dak il-ħin.

Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza ***Emanuel Hayman et vs Mary Caruama***[38] fejn il-Qorti, wara li saħqet li l-fatt li persuna tagħmel testment ftit qabel ma tmut ma jfissirx li hija ma kellhiex il-kapaċita rikjesta mill-liġi biex tagħmel hekk, elenkat il-prinċipji legali li għandhom jkunu ta' gwida f'l-istħarriġ ta' kwistjonijiet bħal din in eżami u emfasiżżat li l-prova ta'l-inkapaċita trid tkun soda u univoka. Fost dawk il-prinċipji regolatorji msemmija hemm ukoll dak li jirrigwarda r-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet tat-testment li tiegħu tkun qed tiġi attakkata il-validita. Il-Qorti qalet hekk:

> *Il-fatt li l-mejta għamlet l-aħħar testment tagħha – ċioe` dak li l-appellanti qed jitolbu n-nullita` tiegħu – ftit ġimghat qabel ma mietet ma jfissirx li hija kienet nieqsa minn din il-fakolta`. Għandu jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet* ***Joseph Galea et v. Maria Camilleri*** *(deċiża fl-1 ta' Lulju 2005) din il-Qorti elenkat l-prinċipji legali stabbiliti mill-ġurisprudenza tagħna fir-rigward:*
>
> *1. Il-kapaċita` li wieħed jiddisponi minn ħwejġu b'testment hija presunta;*
>
> *2. Biex wieħed jiddisponi bi ħwejjġu mhijiex meħtieġa 'una mente perfettamente e rigorosament sana ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio che si fa".. (***Farrugia utrimque,*** Appell, 22 ta' Novembru 2002);*
>
> *3. Illi l-prova tal-inkapaċita` tispetta lil min jallegaha, Tale prova trid tkun 'piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell' atto che compiva, ne' volonta` propria'.*
>
> *4. Fattur determinanti sabiex tiġi stabbilita' s-sanita' mentali hija r-raġonevolezza tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment. Għandhom ukoll rilevanza qawwija d-deposizjonijiet ta' nies professjonali bħal tabib kuranti tat-testatriċi u n-nutar li jikkonfezzjona t-testment dwar l-istat u l-komportament tat-testatriċi fiż-żmien rilevanti.*

[38] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015, fejn il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Prim Awla.

> *Fuq dan l-aħħar punt għandu jingħad li ċertament ma hemm xejn insolitu li persuna li għandha l-ulied tħallihom werrieta indaqs kif għamlet il-mejta f'dan il-każ.*

Illi fil-każ in eżami jirriżulta li Mario Bartolo miet erbgħa xhur wara li għamel it-testment, jirriżulta ukoll li Mario Bartolo kellu problemi serji ta' saħħa. Pero, u skond il-ġurisprudenza appena ċitata, dawn il-fatturi waħedhom m'għandhomx neċessarjament iwasslu għall-konkluzzjoni li rrendewh inkapaċi milli jiddisponi minn ġidhu; imma kellha tinġieb prova, soda u univoka, li l-istat ta' saħħtu kellu effett tant negattiv fuq Bartolo li huwa ma baqax kapaċi jiddisponi minn ħwejjġu. Prova bħal din l-attriċi ma ġabitx. Aktar minn hekk lanqas ma jista jingħad li d-dispożizzjonijiet testamentari in eżami huma irraġonevoli. Kif intqal m'hemm xejn insolitu, anzi huwa normali, li persuna miżżewwġa tistitwixxi bħala eredi lill-konjuġi superstiti bis-sostituzzjoni vulgari ta' uliehom f'każ ta' premorianza.

Illi tenut kont ta' dan, anke fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet dwar is-subparagrafu (b) tal-artikolu 597, u fin-nuqqas ta' xhieda u provi oħra li a bażi tagħhom il-Qorti setgħet tiskarta l-opinjoni ta'l-espert minnha nominat, hija konvinta li Mario Bartolo ma kellu l-ebda diżordni mentali li seta' irrendih inkapaċi milli jiddisponi minn hwejjġu.

Illi għalhekk l-attriċi ma seħħiliex turi li kienet teżisti xi ċirkostanza imsemmija fl-artikolu 597 a bażi ta' liema Mario Bartolo seta' jitqies li ma kellux il-kapaċita mentali biex jagħmel testment.

Ikkunsidrat

## Frodi, qerq, ingann

Illi t-tieni punt li jrid ikun deċiż, skont it-talbiet attriċi, hu jekk it-testment sarx bi frodi, qerq jew ingann.

Illi fis-sentenza fuq ċitata ***Emanuel Hayman et vs Mary Caruama*** l-Qorti ta'l-Appell qalet hekk dwar l-element tal-qerq:

> *Fil-kawża fl-ismijiet* ***Vincent Cachia vs Emanuel Cachia*** *deċiża minn din il-Qorti fil-15 ta' Frar 1957, wieħed isib spjegazzjoni dettaljata ta' x'ried ifisser il-leġislatur f'dan l-ambitu b'riferenza speċjali għall-qerq. Skont il-Qorti dan jikkonsisti f'dawk il-maniġġi frawdolenti li bihom jiġi imqarraq it-testatur u bihom tiġi karpita disposizzjoni testamentarja illi*

> *diversament huwa ma kienx jagħmel....biex iwassal għall-vizju tal-qerq u tan-nullita` relattiva tad-disposizzjoni testamentarja il-qerq irid ikun inġust, gravi u determinanti. Il-Qorti żiedet tgħid illi kull kura, żegħil, attenzjoni, suġġerimenti, insistenzi li ma jkunux akkumpanjati minn 'mala arte', minn artifizi ripremevoli, ma jikkostitwixxix il-qerq. ... ... Wieħed ma jsib ebda prova fl-atti tal-kawża li saru xi maniġġi bħal dawk spjegati minn din is-sentenza. ... ... Kien jispetta naturalment anke hawn lill-appellanti bħala atturi li jressqu provi f'dan ir-rigward - "Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat' kif jgħid ċar u tond l-Artiklu 562 tal-Kodiċi tal-Proċedura u kif ġie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (***Dr H Lenicker v. J Camilleri***, Prim' Awla 31 ta' Mejju 1972 u ***Peter Paul Aquilina v. Paul Vella***, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995)*

Illi huwa stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza li:

> *... ... biex "l-ghemil qarrieq ikun mottiv ta' nullita` irid jintwera li l-qerq uzat ikun tali li, minghajru, it-testatur ma kienx jaghmel id-disposizzjonijiet testamentarji li fil-fatt ghamel. Il-fatt wahdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqghod ghax-xewqa ta' persuna ohra u biex jikkuntentaha ma jitqiesx bhala bizzejjed biex jista' jinghad li tali testment huwa frott il-qerq. Ghaliex biex l-impunjattivita` tirnexxi jehtieg jirrizulta li r-rieda tat-testatur giet imdawra minhabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx ghall-qerq li twettaq." Inoltre, f'dawn il-kazijiet il-provi ghandhom ikunu cari u konkludenti. Minn dan jirrizulta bic-car li mhux kull zeghil jew suggestjoni huwa kawza ta' nullita` – irid ikun hemm id-dolo.*[39]

Illi għalhekk biex l-allegazzjonijet ta'l-attriċi jingħataw raġun kellha tressaq prova, ċara u univoka, ta' xi egħmil qarrieqi liema għemil qarrieqi wassal, b'mod dirett, lil Mario Bartolo biex jiddisponni minn gibu b'mod li altrimenti ma kienx jiddisponi minnu hekk. In atti din il-provi assolutament ma teżistiex.

Illi għalhekk il-Qorti ssib li lanqas dan il-punt ma jirriżulta ppruvat.

Ikkunsidrat

---

[39] Ref ***Joseph Galea pro et noe vs Maria Camilleri:*** Qorti tal-Appell, 1 ta' Lulju 2005.

## Theddied u minaċċi

Illi t-tielet punt li jrid ikun deċiż hu jekk it-testment sarx b'theddid u minaċċi.

Illi jrid jingħad li ħafna drabi, it-theddid u l-minaċċi, meta jseħħu, jsiru bil-fomm u mhux fil-preżenza ta' terzi għalhekk ikun diffiċli ħafna biex wieħed jippruvahom. Ħafna drabi min jhedded ikun diġà bena atmosfera ta' ubbidjenza lejh jew biża' minnu, biex hekk it-theddid ikollu effett.

Illi l-attriċi tgħid li ħuha ma seta' jagħmel xejn waħdu, lanqas jiekol, u kien jiddependi għal kollox minn ta' madwaru. Anke Marilyn Bartolo, diversi drabi fix-xhieda tagħha, qalet li missierha ma setax jagħmel mod ieħor' għax ma seta' jagħmel xejn waħdu u kien jiddependi għal kollox fuq ta' madwaru. Jidher li b'dan riedet tfisser li kellu jobdi minn dak li riedu ta' madwaru għaliex kien jiddependi għal kollox fuqhom. Aktar minn hekk Bonnett qalet li dakinhar tat-testment hi rat lil ommha żżomm idejn missierha, b'l-implikazzjoni li l-firma ma saritx liberament minn missierha imma ommha li ddiriġiet id missieha. Fir-rigward ta' din l-aħħar asserzjoni ta' Bonnett il-Qorti tistqarr li diffiċilment tista' taċċettaha bħala versoimili partikolament meta l-espert kaligrafu ikkonkluda li l-firma kienet waħdha awtentika. Apparti minn hekk ix-xhieda l-oħra qalu li Bonnett ma kenitx preżenti taħt it-taraġ fejn ġie iffirmat it-testment.

Illi aktar minn hekk il-fatt li persuna tkun kompletament dipendenti m'ghandux neċessarjament u fih innifsu jfisser li dik il-persuna qed tiġi assoggettata għal minaċċi jew theddied.

Illi fil-każ in eżami kien hemm referenza għas-swat subiet minn Mario Bartolo, imma dan ma kienx korroborat. Jason Briffa xehed li meta mar iżur lil Mario Bartolo l-isptar, ħadlu ħobża u hu beda jiekolha. Waqt li martu, Maria Bartolo, farfritlu ħwejġu mill-frak, hi laqtitlu wiċċu u Mario talabha biex ma ssawtux. Dan l-inċident xehdet dwaru l-attriċi, pero hi taf dwaru għax infurmaha Jason Briffa mhux għax kienet preżenti. Għal dan l-inċident apparentement kien preżenti Alfred Dato, pero' dan ma ttellax jixhed. Dan l-inċident huwa l-unika inċident li ssemma' li bih ġie implikat li Mario Bartoli seta' kien assoġġettat għal swat. Da parti tagħha Maria Bartolo mhux biss tiċħad dan l-inċident imma hija tinnega ukoll li kien hemm xi pressjoni biex żewġha jiddisponi minn ġidu bil-mod kif għamel.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi anke fir-rigward tal-punt issa in ezami l-Qorti tqies li ma tressqitx prova suffiċjenti li tikkonvinċiha li Mario Bartolo kien ġie assoġġettat għal xi minaċċi jew theddied li wassaluh biex jiddisponi minn ġidu bil-mod kif għamel fit-testment.

Ikkunsidrat

Illi r-raba' punt li jrid ikun deċiż hu jekk *dak li hemm miktub ma jirriflettix l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo.*

Illi a skans ta' ripettizzjoni l-Qorti tirreferi għall-konsidrazzjonjiet kollha ġia magħmula mill-liema konsiderazzjonijiet għandu jkun ċar li id-dispożizzjonijiet tat-testment mertu tal-proċeduri odjerni jirriflettu l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo. Dan il-Qorti tgħidu għaliex kif ġia ntqal ma jirriżultax li kien hemm xi kundizzjoni (inkapaċita mentali) jew forzi esterni (frodi, qerq, ingann, minaċċi jew theddied) li b'xi mod influenzaw lil Mario Bartolo b'tali mod li dak li dak li stipula fit-testment ma kienx dak li verament kien jixtieq.

Illi għandu jingħad li l-attriċi qed tattakka l-validita tat-testment ta' Jannar 2009 mhux in kwantu Mario Bartolo institwixxa lil martu bħala eredi imma għaliex in forza ta' dan it-testment ġie revokat il-legat favuriha tal-hanut. F'dan ir-rigward il-Qorti tqies li originarjament l-intenzjoni ta' Mario Bartolo kienet li l-hanut jieħdu xi ħadd minn uliedu. Dwar din l-intenzjoni ta' Mario Bartolo jidher li hemm qbil bejn il-familjari kollha ta' tiegħu. Minkejja din l-intenzjoni f' Novembru 2008, ad insaputa ta' martu u uliedu u, skond l-attriċi anke ad insaputa tagħha, għamel testment biex iħalli l-ħanut lill-attriċi. Ftit wara, skond ma jgħidu l-konvenuta u binha Clayton Bartolo, Mario iddispjaċih dwar dak li kien għamel, esprima dan id-dispjaċir magħhom u kien għalhekk li għamel testment ieħor liema testment kien jirrifletta aktar ix-xewqa originali tiegħu għaliex il-ħanut kien ser jibqa fil-familja immedjata tiegħu la darba kien ser jifforma parti mill-patrimonju imħolli lil martu.

Ili f'dawn iċ-ċirkostanzi meħudin in konsiderazzjoni fid-dawl tal-provi proċesswali l-Qorti ma tqisx li nġiebet prova li t-testment ta' Jannar 2009 ma jirriflettiex l-intenzjoni u r-rieda ħielsa ta' Mario Bartolo.

Illi għalhekk u tenut kont tas-suespost, f'din il-kawża ma jistax jingħad li tressqet prova soda bizzejjed u tali li tegħleb il-preżunzjoni juris tantum u li a bażi tagħha tista' tiġi attakkata l-validita tat-testment ippubblikat skont il-liġi.

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-ebda waħda mit-talbiet li kellhom jiġu mistħarrġa f'din is-sentenza ma ġew pruvati u l-Qorti se tiċħadhom.

Għal dawn il-motivi l-Qorti **taqta' u tiddeċiedi** billi, salv għal dak ġia deċiż bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-13 t'Ottubru 2022, tiċħad it-talbiet ta'l-attriċi bl-ispejjeż ta' din l-istanza kontra tagħha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**